# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**16 TA' JANNAR, 2023**

**Rik. Kost. 346/2022 RGM**

**Marcus Scicluna Marshall et.**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan huwa provvediment dwar rikors tal-atturi li permezz tiegħu talbu korrezzjoni fir-raba' u fis-seba' paragrafi tal-premessi kif ukoll fit-tieni u fir-raba' talba attriċi fis-sens illi l-kliem "Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta" jiġu sostitwiti bil-kliem "Artikolu 12 tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif emendat bis-saħħa tal-Att XXIII tal-1979" kif ukoll sostituzzjoni tal-frażi "b'titolu ta' kera " għall-frażi "b'titolu ta' emfitewsi" fit-tieni paragrafu tal-premessi.

**2.** L-atturi jimmotivaw din it-talba billi spjegaw fir-rikors tagħhom illi meta kienu qed jippreparaw il-provi irriżultalhom illi l-antekawża tagħhom kien ikkonċeda l-fond in kwistjoni mhux permezz ta' titolu ta' kera iżda permezz ta' kuntratt ta' emfitewsi fis-sena 1962 għal sbatax-il sena, li permezz tal-artikolu 12 tal-Kap 158 kif emendat bl-Att XXIII tal-1979 kif skada ċ-ċens temporanju ġie konvertiet għal kirja protetta.

**3.** Jikkontendu l-atturi illi jekk it-talba tagħhom għall-korrezzjoni tintlaqa' l-azzjoni tagħhom ma hiex ser tinbidel.

**4.** Il-konvenut Avukat tal-Istat qed jopponi għal dan ir-rikors għaliex jikkontendi illi t-talba għall-korrezzjoni ma taqax fil-parametri tal-artikolu 175 tal-Kap. 12.[1]

Ikkunsidrat;

**5.** It-talba tal-atturi sabiex il-Qorti tawtorizza korrezzjoni fit-talba attriċi qed issir bis-saħħa tal-**Artikolu 175 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

> (1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjonijew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.

[1] Ara verbal tat-22 ta' Novembru, 2022.

**6.** Tali korrezzjoni tista' saħansitra ssir fi stadju ta' appell.[2]

**7.** Bis-saħħa tal-Artikolu 175 il-qrati jistgħu jew jordnaw is-sostituzzjoni ta' atti, billi jitneħħa att u jitqiegħed ieħor minfloku, jew inkella jawtorizzaw emendi (tibdil/korrezzjoni) fl-iskritturi formanti parti mill-atti tal-proċess.

**8.** Il-qrati jistgħu jordnaw sostitzzjonijiet ta' atti u tibdil fl-iskritturi mhux biss meta jkun hemm l-iżbalji speċifikatament imsemmija f'dak l-artikolu, iżda wkoll fil-każ ta' "kull żball ieħor". Hekk illi l-qrati ingħataw poteri wesgħin ħafna meta jintalbu jawtorizzaw korrezzjonijiet fl-iskritturi u dan għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex safejn possibbli u f'rispett tad-drittijiet tal-partijiet kollha jiġu evitati multiplikazzjoni ta' kawżi.

**9.** L-unika restrizzjoni li Artikolu 175 jimponi hi illi l-qrati m'għandhomx jordnaw sostituzzjoni tal-atti jew emendi fl-iskritturi jekk is-sostituzzjoni tal-atti jew it-tibdil/korrezzjoni fl-iskritturi mitluba ikun ser iwassal (i) għall-bidla fis-sustanza tal-azzjoni; jew (ii) għall-bidla fl-eċċezzjonijiet fil-mertu.

**10.** In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Elisabeth Anne Calabrese vs. Ersilia Bigeni** tal-Qorti tal-Appell mogħtija fit-12 ta' Diċembru 1994 fejn għamlet is-segwenti konsiderazzjoni dwar l-Artikolu 175:

> Id-diffikulta` li generalment tinholoq fl-applikazzjoni ta` dan l-artikolu taggira dejjem madwar din il-limitazzjoni (u cioe` 'basta li l-ebda tibdil bhal dan ma jkun biddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni') ; fil-kaz prezenti il-pretensjoni ta` l-appellanti illi t-tibdil ordnat mill-Qorti 'biddel fis-sustanza l-eccezzjoni' ;
>
> Huwa ovvju li din il-limitazzjoni ma tapplikax meta l-eccezzjoni tkun propju tindika l-izball li jigi korrett – sakemm dik il-bidla ma tbiddilx is-sustanza ta` l-azzjoni. Dan huwa ovvju ghaliex m`huwiex guridikament konformi illi bidla tista` ssir jekk ma

[2] Art 175 (2) tal-Kap. 12

ssirx eccezzjoni imma ma tistax issir jekk tinghata l-eccezzjoni. Il-qofol qieghed fil-precisazzjoni li timporta l-kelma 'fis-sustanza'. Din tindika li kull bidla li ssir trid tkun bidla ta` xi dettall ta` xi haga marginali imma mhux materja ta` sustanza jew li teffettwa s-sustanza.

**11.** Dan l-artikolu tal-liġi, li jaf l-oriġini tiegħu għall-ewwel kodiċi ta' organizzazzjoni u proċedura ċivili lura f'nofs is-seklu tmintax, serva tajjeb ħafna l-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'pajjiżna għaliex bis-saħħa tiegħu huma bla għadd il-każijiet li fihom ġie evitat li xi att afflitt minn xi żball iwassal għal tmiem hesrem tal-proċedura ġudizzjarja mingħajr ġudizzju fil-mertu bil-ħtieġa ta' intavolar ta' azzjoni ġdida bil-konsegwenti spejjeż addizzjonali u ħin mitluf.

**12.** Ir-*ratio* wara dan l-artikolu huwa evidenti, sabiex jiġu evitati dupliċita' ta' kawżi u formaliżmu rigoruż li ħafna drabi jwassal sabiex jiġi stultifikat il- kunċett tal-ġustizzja (**Edwin Mirabelli noe vs James Gollcher et noe** - Qorti tal-Appell - 14 ta' Marzu 1988).

**13.** Meta wieħed jifli f'liema ċirkostanzi sostituzzjoni ta' atti jew bidliet fl-iskrittura ma humiex permessi isib illi l-iskop wara tali restirzzjonijiet huwa li ma jiġux ippreġudikati d-drittijiet tal-parti li tkun qed topponi l-bidla mitluba. Għaliex lanqas għandu jkun li wara li tkun ġiet intavolata kawża fuq binarju partikolari, jiġi permess tibdil li jisposta l-azzjoni attriċi fuq binarju differenti minn dak oriġinali bil-konsegwenti preġudizzju li dan jista' jarreka lill-parti l-oħra. Il-massima legali *electa una via, non datur recursus ad alteram* tikkombaċja sew mar-ratio wara l-Artikolu 175.

**14.** Bl-istess mod ma hux mogħti illi sostituzzjoni fl-atti jew bidla fl-iskritturi tolqot l-eċċezzjonijiet ġia mogħtija dwar il-mertu. Dan japplika mhux biss meta t-talba hija magħmula mill-attur; iżda wkoll jekk it-talba tiġi min-naħa tal-konvenut, speċjalment jekk l-akkoljiment tagħha jkun ifisser l-introduzzjoni ta' eċċezzjoni ġdida fil-mertu li ma hiex eċċezzjoni li tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża. Artikolu 175 ma jistax jiġi invokat sabiex jiġi raġġirat Artikolu 728 (2) tal-Kap. 12 li ma jippermettiex li jitressqu

eċċezzjonijiet oħra mhux imressqa fir-risposta ġuramentata ħlief dawk li jistgħu jingħataw f'kull waqt tal-kawża, jew inkella bil-permess tal-qorti, wara li tkun sodisfatta li tali eċċezzjoni ulterjuri ma kienx possibbli li titressaq fiż-żmien li ġiet intavolata r-risposta ġuramentata.

**15.** L-ewwel parti tad-deliberazzjoni tal-Qorti għandha tkun jekk il-bidla fir-rikors promotur mitluba mill-Attur nomine hiex ser iġġib bidla fis-sustanza tal-azzjoni attriċi.

**16.** L-atturi intavolaw il-kawża sabiex jottjenu dikjarazzjoni ġudizzjarja illi l-kirja tal-fond mertu tal-kawża tilledi d-dritt fundamentali tagħhom protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319) u/jew bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**17.** Huwa evidenti illi qabel ma l-atturi ppreżentaw ir-rikors promotur tagħhom ma għamlux indaġini biżżejjed sabiex jivverifikaw kif dik il-kirja kellha l-oriġini tagħha u cioe' jekk hux kirja oriġinali mifthema bejn is-sid u l-inkwilin qabel is-sena 1995 jew inkella jekk hiex kirja *ex lege* wara l-iskadenza ta' emfitewsi temporanja bis-saħħa tal-Kap. 158.

**18.** Fl-istess ħin il-Qorti tqis illi bil-korrezzjoni mitluba mhux ser tinbidel is-sustanza tal-azzjoni li kif rajna tirrigwarda allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fundamentali minħabba il-kirja forzata fuq l-atturi. Bil-korrezzjoni mitluba s-sustanza tal-azzjoni kienet u ser tibqa' it-talba tal-atturi għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-jedd fundamentali konvenzjonali u/jew kostituzzjonali tagħhom minħabba l-kirja tal-fond.

**19.** In konklużżjoni dwar dan l-aspett, il-Qorti tqis illi mhux minnu li bil-korrezzjoni mitluba ser isseħħ bidla fis-sustanza tal-azzjoni attriċi.

**20.** Dwar jekk il-bidla mitluba hux ser tolqot l-eċċezzjonijiet fil-mertu, il-Qorti ma tarax li dan huwa l-każ. L-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenut illi l-kirja protetta mertu tal-kawża ma tiksirx id-drittijiet konvenzjonali u kostituzzjonali tal-atturi ser jibqgħu bla mittiefsa.

**21.** Il-Qorti tal-Appell ġia kellha okkazzjoni tipprovdi dwar talba simili addirittura fl-istadju tal-appell fejn kienet saret talba simili għal dik odjerna, bid-differenza li l-kawża kienet ġiet intavolata b'referenza għall-Kapitolu 16 filwaqt li fl-istadju tal-appell l-attur talab korrezzjoni fis-sens li t-talba tkun tirreferi għall-Kapitolu 158 minflok. Kellha dan xi tgħid il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Emanuel Caruana vs Avukat tal-Istat et**. mogħtija fl-14 ta' Diċembru, 2022 dwar **artikolu 175 tal-Kap 12**:

> "13. Din il-Qorti ma taqbilx li l-korrezzjoni mitluba mill-attur ser tibdel is-sustanza tal-kawża ntavolata minnu. Il-kawża tal-attur hija bbażata fuq il-fatt li huwa qed isofri ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu sanċiti permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba t-titolu ta' inkwilinat protett talkonvenuti Zammit, u partikolarment ir-restrizzjoni stabbilita fil-liġi dwar il-kera pagabbli minnhom. Il-korrezzjoni mitluba mill-attur ser tibdel biss is-sors tal-liġi li allegatament toħloq din il-protezzjoni għall-inkwilini Zammit u l-allegat konsegwenti ksur ta' drittijiet fondamentali tiegħu.
>
> 14. Il-Qorti tkompli billi tosserva li nonostante l-korrezzjoni proposta mill-attur, il-provi tal-partijiet x'aktarx ser jibqgħu eżatt l-istess, partikolarment f'dak li jirrigwarda ir-relazzjoni tal-perit tekniku, u saħansitra d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx x'iżidu dwar il-mertu tal-kawża li tista' titħalla għas-sentenza. Ikkonsidrat li jekk it-talba tal-attur għall-korrezzjoni ma tiġix milqugħa il-kawża tista' tiġi riproposta minnu, il-Qorti tqis li ma jkunx fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u tal-partijiet stess li t-talba tal-attur għall-korrezzjoni ma tiġix milqugħa b'mod li l-partijiet ikollhom jerġgħu jinkorru għall-darba oħra l-ispejjeż kollha diġà inkorsi minnhom.
>
> 15. Għaldaqstant il-Qorti tqis li t-talba tal-attur għall-korrezzjoni firrikors promotur tiegħu qed tiġi milqugħa billi tawtorizza l-

korrezzjoni Rik. Kost. 20/20/1 Paġna 8 minn 13 mitluba minnu u tordna li kull fejn hemm il-kliem "Kapitolu 158" fir-rikors promotur tal-attur jiżdiedu l-kliem "u/jew il-Kapitolu 69."".

**22.** Tenut kont illi t-talba għall-korrezzjoni ser tibdel biss is-sors tal-liġi li permezz tagħha fil-perijodu rilevanti l-fond kien kolpit b'kirja protetta li waslet għall-allegat ksur tal-jedd fundamentali tal-atturi, il-Qorti tqis it-talba għall-korrezzjoni ġustifikata.

**Provvediment**.

Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' t-talba tal-atturi kif imresqa minnhom b'rikors tat-18 ta' Awissu 2022 u għalhekk bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kap. 12,

1. Tordna s-sostituzzjoni tal-kliem "Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta" fir-raba' u s-seba' paragrafi tal-premessi kif ukoll fit-tieni u r-raba' talba tar-rikors promotur, għal "Artikolu 12 tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif emendat bis-saħħa tal-Att XXIII tal-1979".

2. Tordna s-sostituzzjoni tal-frażi "b'titolu ta' kera" għall-frażi "b'titolu ta' emfitewsi" fit-tieni paragrafu tal-premessi.

**Mogħti kameralment illum 16 ta' Jannar, 2023.**

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**